

**Minn Membru Onorarju/Arkivista** Nigel Holland

*Is-Soċjeta' Filarmonika Vilhena minn dejjem tat prova li...*

# Is-Soċjetà u l-Floriana huma ħaġa waħda

Fit-tentattiv tiegħi biex nerġa' nibni l-istorja tas-Soċjeta' mużikali waħdanija tagħna l-Furjaniżi, jiġifieri s-Soċjeta' Filarmonika Vilhena, f'dawn l-aħħar xhur flejt ir-reġistri tad-Dħul u l-Ħruġ tagħha sa mill-1927.

It-tagħrif li sibt minnhom huwa wieħed inkalkulabbli, u anki interessantissimu, meta tqis li hemm nuqqas qawwi ta' rekords miktuba fuq ġrajjiet is-soċjeta'.

Wieħed mill-fatturi li iżda l-aktar li laqatni kien li s-Soċjeta' tagħna ġarrbet u qassmet mal-Floriana u mal-Furjaniżi ħafna mill-ferħ u n-niket, it-tlugħ u l-inżul, li għaddiet il-belt tagħna u niesha tul is-snin. Għal dan l-artiklu għażilt ftit mit-tagħrif li joħroġ minn dawn ir-reġistri biex nesponi dak li għidt hawn fuq u biex nuri li s-Soċjeta' (bix-xieraq bħala 'omm is-soċjetajiet Furjaniżi għax hija l-ixjeħ waħda) u l-istess Floriana huma magħġuna flimkien, huma ħaġa waħda.

**Gieh lill-Monsinjur Francesco Mallia ...**

Fl-1931 l-Arċipriet Francesco Mallia, magħruf popolarment bħala 'Il-Mulej', temm l-itwal parrokat fl-istorja tal-Parroċċa tal-Floriana wara li kien ilu fostna l-Furjaniżi għal xejn anqas minn 35 sena. Veru kaz li dan l-Arċipriet għammed u anki żewweġ lill-istess nies. L-Arċipriet Mallia, bħall-Arċiprieti tal-Floriana ta' qablu u kif kienet l-użanza li sfortunatament spiċċat, malli temm il-kariga nħatar minnufih Monsinjur tal-Kattidral.

Is-Soċjeta' flimkien mal-poplu Furjaniż ferħet b'din il-ħatra prestiġjuża ta' dak li sa ftit żmien qabel kien ir-ragħaj spiritwali tagħhom u għamlitlu festin li ġie jiswa L7 14s 6d. Somma redikola għal żmienna iżda ċertament mhux għal dak iż-żmien.

Ta' min jinnota li parti minn din l-ispiża, L1 19s 9d, kienu ħlas lil Ottavio Catalogna, dulċier Sqalli magħruf, li kellu ħanut taħt il-loġoġ u li kien anki benefattur tal-knisja parrokkjali tagħna billi ħallas għall-ostensorju tar-Relikwa ta' San Publju.

**... u Merħba lil Arċipriet Angelo Ghigo**

Ftit gimgħat wara, fl-istess 1931, is-Soċjeta' tat merħba lill-Arċipriet il-ġdid, li kellu jkun l-Arċipriet 'ta' żmien il-gwerra', Dun Angelo Ghigo. Spiża ta' L2 0s 4d tidher fir-reġistru taħt il-kolonna 'Feste per il nuovo Arciprete Angelo Ghigo' (Festi għall-Arċipriet il-ġdid Angelo Ghigo). Naraw hawn ukoll li parti minn din l-ispiża, is-somma ta' 15s, marret għand Salv. Catalogna, membru ieħor tal-familja ta' dawn id-dulċiera famużi, eżattament iben Ottavio.

**Il-banda Furjaniża tbati mal-komunita' Furjaniża**

Ġa rrimarkajna li l-banda Furjaniża tul is-snin qasmet il-ferħ u n-niket tagħha mal-komunita' Furjaniża, u



## Minn Membru Onorarju/Arkivista Nigel Holland

qasmet għalhekk ma' l-istess komunita' forsi l-agħar perjodu ta' l-istorja tal-Floriana, dak tat-Tieni Gwerra Dinjija u partikolarment il-perjodu fl-1942 fejn il-Floriana ripetutament kienet il-mira ta' ħbit mill-ajru li ħalla kemm tiġrif f'bosta bini kif ukoll vittmi li ħallsu b'ħajjithom għall-kefrija qerrieda ta' l-għadu.

Is-Soċjeta' qassmet direttament f'dan id-dulur għax f'Marzu 1942 il-każin tagħna li kien fi Nru 80, Triq il-Miratur iġġarraf u miegħu iġġarrfet ukoll parti sostanzjali mill-istorja tas-Soċjeta' meta minbarra l-għamara nqerdu wkoll bosta dokumenti fosthom Minuti tal-Laqgħat tas-Soċjeta'.

Bejn l-1940 u l-1942, is-snin li fihom Malta daqet il-ħruxija tal-gwerra, l-attivita' bandistika kienet wieqfa għal kollox u, jekk nieħu f'dan, anki kważi kull attivita' oħra fil-każin.

Dan joħroġ ċar mir-Reġistru tal-Pagamenti tas-Soċjeta' għal dawk is-snin fejn il-ħlasijiet effettwati kienu prattikament dawk ta' rutina bħal dawk tal-kera u dawk tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

Pero' hemm ukoll ħlas li juri li s-Soċjeta` ipprovat biex, anki f'dawk iċ-ċirkostanzi diffiċli, tagħmel turija vera ta' solidarjeta' ma' min hu batut u per eżempju naraw, f'Ottubru 1941, donazzjoni taħt 'Rimunne ai Poveri Floriana' jiġifieri 'Rimunerazzjoni għall-Fqar tal-Floriana'.

Iżda l-aktar nota sinifikanti li turi kemm f'dak il-mument ikrah is-Soċjeta` u l-Floriana kienu ħaġa waħda waqt li kienu qed jaffaċċjaw il-qerda tal-gwerra hija nota, ċkejkna iżda ta' swied il-qalb, fir-Reġistru imsemmi taħt is-26 ta' Marzu, 1942 li tgħid 'Dopo il disastro' (Wara d-diżastru) b'riferenza għat-tiġrif tal-każin tas-Soċjeta`... għax mhux is-Soċjeta` biss iżda anki l-Floriana kienet tassew għaddejja minn diżastru u sa xahar u ftit wara il-kitba ta' din in-nota il-Floriana kellha tara ħafna aktar imrar, fosthom bil-qerda tal-Knisja u l-Kunvent tal-Kapuċċini u tal-Knisja Arċipretali u Parrokkjali ta' San Publju u ta' ħajjiet innoċenti mill-ħbit mill-ajru.

Is-Soċjeta`, bħal ħafna Furjaniżi oħra wkoll, għalhekk spiċċat rifuġjata u kellhom ikunu d-diriġenti tal-Lion Sports Club, li kien jinsab fi Pjazza Sant'Anna, li estendew l-id tas-solidarjeta' lis-Soċjeta` f'dawk iż-żminijiet iebsa.

Fil-fatt fil-25 ta' Marzu, 1943 il-Kumitat tas-Soċjeta' irċieva offerta mil-Lions Sports Club, li kien jinsab fi Pjazza Sant'Anna, biex il-post tagħhom jintuża wkoll bħala kazin temporanju għas-Soċjeta`.

Din l-offerta ġeneruża ġiet aċċettata u għaldaqstant il-Lions Sports Club fi Pjazza Sant'Anna sar ukoll is-sede temporanja tas-Soċ. Fil. Vilhena għal ftit ta' żmien.

### Is-Soċjeta` tifraħ ma' l-Ajax u ma' Dun Alwiġ

Minn żmien ta' niket għal żmien ta' ferħ... u allura s-Soċjeta` ma setgħetx lanqas ma tifraħx mal-bqija tal-Furjaniżi meta tfaċċa fuq ix-xena tal-futbol Malti t-tim leġġendarju Furjaniż ta' l-Ajax imwaqqaf u mmexxi minn Frankie Tabone. Insibu mir-Reġistri - Settembru 1946 - li s-Soċjeta` kienet organiżżat repo' ad unur l-Ajax. Kellhom raġun jifirħu s-Soċjeta` u l-Furjaniżi



**Minn Membru Onorarju/Arkivista** Nigel Holland

b'dan it-tim żagħżugħ emerġenti għax minħabba s-suċċess li kienu kisbu, ftit wara, fl-istagun 1947-48, il-plejers kollha ħadu posthom en bloc fl-ewwel tim ta' Floriana u bdew sensiela ta' suċċessi li ħadu ħemel tazzi u trofej lejn il-belt tagħna.

Fl-istess Reġistru u l-istess Settembru 1946 insibu wkoll li kien sar repo' 'in honour of the newly ordained Priest Dun Alwig Debono' (ad unur il-qassis li għadu kemm ġie ordnat Dun Alwiġ Debono).

Dun Alwiġ ġie ordnat saċerdot fil-11 ta' Awissu, 1946 u ħafna snin wara, eżattament fit-23 ta' Lulju, 1967, kellu jieħu l-pussess bħala l-Arċipriet tal-Floriana u sfortunatament kellu jmut ukoll waqt li kien għadu qed jokkupa din il-kariga, jiġifieri fit-22 ta' Marzu, 1970.

**Is-Soċjeta`... għall-ġid tal-Floriana kollha**

Ħadt spunt mill-ħlas ta' donazzjoni ta' 10s lil Floriana Civic Committee fi Frar 1953 biex nagħlaq dan it-tagħrif qasir proprju b'inizjattiva li kienet ħadet is-Soċjeta' li turi kemm mhux biss kellha għal qalbha il-ġid tagħha stess iżda anki tal-Floriana in ġenerali. Dan urietu bl-aktar mod ċar meta ħadet fuq spallejha l-inkarigu li tlaqqa' l-għaqdiet Furjaniżi biex jitwaqqaf dan l-ewwel kumitat ċiviku tal-Floriana - il-Floriana Civic Committee - fil-11 ta' Mejju, 1950, li hu wkoll minn ta' l-ewwel, jekk mhux l-ewwel, tax-xorta tiegħu f'Malta.

Dan il-kumitat ċiviku Furjaniż u l-oħrajn li segwew wara, ilkoll predeċessuri tal-Kunsill Lokali, wettqu ġid enormi għall-Floriana u l-komunita' tagħha minkejja li ma kellhomx l-istatus ġuridiku, wisq anqas finanzjamenti, li jgawdu l-Kunsilli Lokali llum.

**Il-Furjaniżi għandhom għalhekk jibqgħu rikonoxxenti lejn is-Soċjeta' Filarmonika Vilhena li kienet xprunat il-ħolqien ta' l-ewwel Floriana Civic Committee u tat prova għal darba oħra li kienet pronta biex tiġġustifika r-rwol tagħha bħala 'omm is-soċjetajiet Furjaniżi' u, għalhekk, bħala l-aktar soċjeta' prestiġjuża ċivika Furjaniża kellha għal qalbha u kienet lesta li tissalvagwardja u tagħti l-kontribut tagħha biex jitkattar il-prestiġju u l-kultura tal-Floriana fl-oqsma kollha tagħha li jagħti raġun ukoll lil min jgħid li 'is-Soċjeta u l-Floriana huma ħaġa waħda'.**

Fi zmien il-festa jixraq
li nersqu aktar lejn
is-sagramenti



**Minn Membru Onorarju/Arkivista** Nigel Holland

# Stato finanziario del Circolo Vilhena.

Dal 1mo. Aprile al 30 Giugno 1941

INCASSI

| | | | |
|---|---|---|---|
| A Bilancio d' Entrata | 23 | 19 | 7½ |
| „ Associazione | - | 12 | - |
| „ Bigliardo | - | - | - |
| „ Tombolina | - | - | - |
| „ Tavolini | - | - | - |
| „ Programme | - | - | - |
| „ Tombole | - | - | - |
| „ Fieri | - | - | - |
| „ Lotto | 81 | 15 | 3 |
| „ Fitto Botteghino | - | - | - |
| „ Altri Incassi | - | - | - |
| Vincita d'Ambo | 3 | - | - |
| £ | 109 | 6 | 10½ |

SPESE

| | | | |
|---|---|---|---|
| Da Associazione | - | 2 | - |
| „ Bigliardo | - | - | - |
| „ Tombolina | - | - | - |
| „ Tavolini | - | - | - |
| „ Programme | - | - | - |
| „ Tombole | - | - | - |
| „ Fieri | - | - | - |
| „ Lotto | 48 | 3 | 5 |
| „ Fitto Circolo | 11 | 5 | 0 |
| „ Onorario Maestro | - | - | - |
| „ Onorario Maestro Concertini | - | - | - |
| „ Onorario Bidelli | - | 13 | - |
| „ Strumenti Nuovi | - | - | - |
| „ Consumo Luce Elettrica | - | 2 | 4 |
| „ —do— D'Acqua | - | 6 | 6 |
| „ Mobiglia | - | - | - |
| „ Caccomodatura Strumenti | - | - | - |
| „ Cartoleria | - | - | - |
| „ Spese Generali | 1 | 16 | 10 |
| Police Certificati | 2 | 10 | 1 |
| £ | 64 | 19 | 2 |

(Caption għar-Rendikont Finanzjarju): Kull tliet xhur kien jiġi ppreżentat lill-Kumitat Rendikont Finanzjarju mit-Teżorier tas-Soċjeta' fuq folja stampata apposta. Hawnhekk qed nuru rendikont tad-dħul u l-ħruġ mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju, 1941. Wieħed jinnota li kollox huwa bl-ilsien Taljan li sal-gwerra kienet il-lingwa preferuta ta' ħafna mis-soċjetajiet prestiġjużi. Il-bombi tat-Taljani ma ġabux biss il-qerda fil-proprjeta' u n-nies iżda anki i-qerda ta' l-ilsien Taljan, li beda jiġi meqjus bħala l-ilsien ta' l-għadu, mix-xena lokali bħala lsien miktub u mitkellem fil-ħajja ta' kuljum biex imbagħad floku ħa s-soppravvent l-lsien Ingliż.